

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2014/24/PESK****tal-20 ta' Jannar 2014****li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) u 6(3) tagħha,

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja.
- (2) Il-Kunsill jikkunsidra li r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuna waħda kif jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandhom jiġu emendati.
- (3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

## ANNEX

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, l-entrata Nru 210 hija sostitwita minn din li ġejja:

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
210	Ternavsky, Anatoly Andreevich  (Ternavski, Anatoli Andrievich  Ternavskiy,  Anatoly Andreyevich)	ТЕРНАВСКИЙ, Анатолий Андрэвіч	ТЕРНАВСКИЙ, Анатолий, Андреевич	Data tat-twelid: 1950  PtT: Donetsk, Ukraina	<p>Persuna qrib membri tal-familja tal-President Lukashenka. Il-kumpanija tiegħu Uninvest-M hija msieħba tal-Klabb tal-Ispurts tal-President, u sa Mejju 2011 kienet timpjega ħtint il-President.</p> <p>Huwa jipprova appoġġ għar-reġim, partikolarment finanzjarment, permezz ta' pagamenti mill-kumpanija Uninvest-M lill-Ministeru tal-Affarijiet Interni, lill-Kumpanija (Statali) Bjelorussa tat-Televiżjoni u Radju, u lit-trejdjunjon tal-kamra tar-rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali.</p> <p>Huwa jibbenefika mir-reġim permezz ta' attivitajiet ta' negozju fuq skala kbira fil-Bjelorussja. Il-kumpanija Uninvest-M hija l-proprjetarja ta' kumpanija sussidjarja, FLCC, li hija operatur ewlieni fis-setturi taż-żejt u tal-idrocarburi.</p> <p>Il-kumpanija Uninvest-M hija wkoll waħda mill-akbar kumpaniji għall-iżvilupp/tal-proprjetà fil-Bjelorussja. Attivitajiet ta' negozju fuq tali skala ma jkunux possibbli fil-Bjelorussja mingħajr l-approvazzjoni tar-reġim Lukashenka.</p> <p>Huwa jgħin finanzjarment bħala sponsor bosta klabbs sportivi, permezz tal-kumpanija Uninvest-M, biex b'hekk jikkontribwixxi għal relazzjonijiet tajbin mal-President Lukashenka.</p>